MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1649/2003

**Marmo Properties Limited**

**vs**

**George Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ Awissu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihalas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebghin lira Maltin (Lm70.00) rapprezentanti zewg skadenzi ta’ cens annwu u perpetwu u gravanti l-propjeta’ plot numru 17, f’Tal-Mangli, l-Fgura ghall-perijodu bejn l-10 ta’ Jannar 2002 u l-10 ta’ Jannar 2003.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta’ Mejju 2003, u bl-imghax legali dekorribbli mid-dati tar-risspettivi skadenzi sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat skond il-ligi, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Perit Lawrence Montebello in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sebghin lira Maltin (Lm70.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Mejju 2003, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------